FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

BHALA QORTI TA’ GUDIKATURA KRIMINALI

A.MICALLEF TRIGONA LL.D., MAG.JUR (EU LAW)

ILLUM 11 TA’ SETTEMBRU 2016

Il-Pulizija

Spettur Spiridione Zammit

vs

Charlotte Zammit

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputata detentur ta’ karta tal-identita’ bin-numru 86882M akkuzata talli nhar l-10 ta’ Settembru 2016 ghal habta ta’ 11.45pm u/jew qabel , kif ukoll wara dan il-hin, fl-ghassa tal-Pulizija ta’ Rahla Gdid, u/jew f’dawn il-Gzejjer;

1. bil-hsieb li taghmel hsara lil xi persuna/i, akkuzat lil/dik/dawk il-persuna/i, quddiem awtorita’ kompetenti b’reat, filwaqt li kienet taf li dik il-persuna/i hija/huma innocenti, liema akkuza falza hija suggetta ghall-piena akbar minn piena ta’ prigunerija, ghal zmien aktar minn sentejn ghad-detriment ta’ Roderick Azzopardi;
2. b’qerq holqot jew gieghlet tidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza, sabiex dan il-fatt jew cirkostanza, setghu l-quddiem jiswew bi prova kontra persuna/i ohra, bil-hsieb li b’hekk din il-persuna/i tkun/jkunu tista’/jistghu jigu kontra s-sewwa akkuzata/i jew misjuba hatja ta’ reat;
3. iddenunzjat lill-Pulizija Ezekuttiva reat li taf li ma sarx, inkella bil-qerq holqot it-tracci ta’ reat b’mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghat lill-imputata tammetti l-akkuzi fuq liema insistiet anka meta l-Qorti taghta zmien tirrikonsidra;

Fuq skorta ta' din l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ssibha u tiddikjarha hatja.

Rat l-Artikoli 101(1)(a)(2), 108, 109, 110(1)(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tiddeciedi li tapplika kontra l-imputata l-Artikolu 7 tal-Kap 446 ghal tlett snin bil-kundizzjoni li tobdi kull ordni tal-Ufficjal lilha nominat u tissottometti ruha ghal kull testijiet mehtiega.

Il-Qorti spjegat lill-imputata ir-responsabilitajiet taghha skond is-sentenza.

A.M. Trigona

Magistrat